Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 1 – It-Tlieta 5 ta' Mejju 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mill-aktar kunsillier anzjan, Peter Caruana. Huwa ta merħba lill-kunsilliera l-godda u fissrilhom kif fil-Kunsill preċedenti, l-kunsilliera dejjem ħadmu u ġibdu ħabel wieħed bi skop komuni, dak li lil Għajnsielem iġibuh aħjar. Huwa appella biex jiġi trattat kull ilment u kull kunsillier jgħin lill-ieħor specjalment lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv.

**2.0 Hatra ta' Sindku u Viċi Sindku**

2.1 Is-Segretarja spjegat kif skond Artiklu 25 tal-Att tal-Kunsiklli Lokali, l-aktar persuna li ġġib voti fil-partit li jġib il-maggoranza huwa ntitolat li jkun is-Sindku u min jiġi warajh ikun il-Viċi Sindku. F'dan il-każ, is-Sur Franco Ciangura huwa s-Sindku u s-Sur Kevin Cauchi hu l-Viċi Sindku. Huma aċċettaw din il-kariga u ffirmaw l-ittra ta' aċċettazzjoni. Gew mitlu jieħdu l-ġuramament tal-ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku nhar is-Sibt 9 ta' Mejju 2015 fil-5:30pm fl-Uffiċju tar-Reġjun t'Għawdex fil-Banca Giuratale fejn ser issir ċelebrazzjoni komuni għas-Sindki u Viċi Sindki Għawdxin.

2.2 Is-Sindku Franco Ciangura rringrazzja lil shabu u fisser kif fl-esperjenza tiegħu ta' tlett snin ġol-Kunsill, il-Kunsill Lokali Għajnsielem huwa

magħruf bħala wieħed magħqud ħafna. Huwa appella biex inkomplu nżommu dan it-timbru u nħallu l-politiika u kull interess ieħor barra mill-Kunsill u naħdmu lkoll flimkien. Huwa esprima s-sodisfazzjon tiegħu li minkejja li għandna żewġ kunsilliera ġodda, diġa tinħass ċerta ħbiberija u li qisna ilna nafu lil xulxin. Huwa appella biex anke fejn ma jkunx hemm qbil unanimu, dejjem nippruvaw nieħdu l-aħjar deċizzjoni. Huwa rringrazzja lill-kunsilliera tal-appoġġ u sellem lill-kunsilliera li ma għadhomx fil-Kunsill b'mod speċjali lis-Sindku Francis Cauchi għal dak kollu li għamel għar-raħal. Huwa rrefera għal fatt li dan il-Kunsill il-ġdid beda b'quddiesa ta' radd il-ħajr li għaliha kienu mistiedna l-eks kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi kollha flimkien mal-ħaddiema u mpjegati tal-kunsill kollha.

**3.0 Materji ohra**

3.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għad-diversi rapport li saru mar-residenti tal-Gudja rigward ammonti kbar ta' naħal li hemm fl—inhawi u għall-inkonvenjent kbir li qed joħolqu lir-residenti. Huwa semma' li wara li daħlu diversi rapporti fil-Kunsill, sar sahansitra rapport mal-pulizija fejn dawn minn naħa tagħhom b'email mibghuta mill-Ispettur Frank Tabone wegħdna li ntlahaq kompromess li dan in-naħal ser jitneħħa fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lir-residenti b'dawn l-iżviluppi fuq il-paġna tiegħu ta' facebook.

3.2 Sar qbil li f'agenda li jmiss jiddaħħlu items rigward ix-Xatt l-Aħmar, Kemuna, l-Bring in Sites tal-Gudja u laqgħat mal-għaqdiet kollha tal-lokal.

3.3 Is-Sindku rrefera ghal ħtiega urgenti ta' grada taħt rampa f'bankina li qed tinbena ma' residenza fi Pjazza Madonna ta' Loretu u li ghaliha jinħtieg li nakkwistaw parir tekniku. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward ghandu jqabbad lil Perit Shawn Micallef.

Il-laqgħa ntemmet fl-4:00 ta' filgħaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju 2015 fil-5:30pm.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**